

31999L0021

L 91/29

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.4.1999

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/21/KE**  
**tal-25 ta' Marzu 1999**  
**dwar l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI Tal- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

l-innovazzjonijiet imsejsa fuq il-progress xjentifiku u tekniku trid tiġi deċiża skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 89/398/KEE;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-użu ta' nutriment partikolari <sup>(1)</sup>, emendata bid-Direttiva 96/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

(6) Billi skond l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 89/398/KEE, id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sustanzi bi skopijiet speċifiċi tan-nutrimnt li jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali għandhom jiġu stabbiliti fid-direttiva separata tal-Kummissjoni;

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel,

(7) Billi skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/398/KEE, il-prodotti koperti b' din id-Direttiva huma bla ħsara għar-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel <sup>(3)</sup>, l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE <sup>(4)</sup>; billi d-Direttiva preżenti tadotta u tespandi ż-żidiet u l-eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli ġenerali, fejn apporprjat;

(1) Billi l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali huwa maħsub biex jissodisfa l-ħtiġiet partikolari tan-nutrimnt tal-persuni milquta minn, jew malnutriti minħabba, mard speċifiku, disturb, jew kondizzjoni medika; billi għal din ir-raġuni għandu jintuża taħt is-sorveljanza medika li tista' tiġi applikata bl-għajjnuna ta' professjonisti mediċi kompetenti oħra;

(8) Billi, b'mod partikolari, minħabba n-natura u d-destinazzjoni ta' l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali, hemm bżonn li jiġi pprovdut it-tagħrif li jirrigwardja l-valur ta' l-enerġija u n-nutrijenti prinċipali li jin-sabu f'dan l-ikel;

(2) Billi dawn l-oġġetti ta' l-ikel huma numerużi u l-kompożizzjoni tagħhom tista' tvarja b'mod sostanzjali skond il-marda, id-disturb jew il-kondizzjoni medika speċifiċi tal-pazjenti li għalihom huma maħsubin, skond kemm għandhom eħ l-pazjenti u skond il-post fejn jir-ċievu l-kura, skond jekk l-ikel huwiex maħsub bħala l-uniku sors ta' nutriment, u possibilmnt skond fatturi oħra;

(9) Billi, minħabba n-natura partikolari ta' l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali, għandu jkun hemm meżżi oħra barra dawk li soltu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-korpi li jimmonitorjaw, sabiex jiġi ffaċilitat iċ-ċekkjar effiċjenti ta' dawn il-prodotti;

(3) Billi, minħabba d-diversità kbira ta' dan l-ikel u billi l-għerf xjentifiku li fuqu l-ikel huwa msejjes qiegħed kull ma jmur jiżviluppa, mhux apporprjat li jiġu stabbiliti regoli ddetal-jati dwar il-kompożizzjoni tiegħu;

(10) Billi, skond il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa meħtieġ u apporprjat, sabiex tintlaħaq il-mira bażika tat-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti ta' l-ikel li huma maħsubin għall-użu ta' nutriment partikolari, li jintagħmlu regoli dwar l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali; billi din id-Direttiva tipprovd i biss dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-miri segwiti skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3b tat-Trattat;

(4) Billi, madankollu, ċerti regoli bażiċi li jirrigwardjaw il-kontenut tal-vitamini u tas-sustanzi minerali jistgħu jiġu stabbiliti għal dawk il-prodotti li huma kkunsidrati komplet i biżżejjed fin-nutrijenti tagħhom biex ikopru l-ħtiġiet partikolari tan-nutrimnt ta' min ikun se jużahom; billi regoli bħal dawn għall-ikel li hu nieqes min-nutrienti jistgħu jsiru biss għall-livelli massimi ta' dawn is-sustanzi kif apporprjat;

(5) Billi din id-Direttiva tirrifletti l-għerf korrenti dwar dawn il-prodotti; billi kull modifika biex jiġu kkunsidrati

(11) Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel,

<sup>(1)</sup> ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 27.

<sup>(2)</sup> ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 69, tas-16.3.1999, p. 22.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

1. Din id-Direttiva hija Direttiva speċifika skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/398/KEE u tistabbilixxi l-ħtiġiet tal-kompożizzjoni u t-tikkettjar ta' l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali definiti fil-paragrafu 2 u ppreżentati ta' hekk.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "trabi" tfisser tfal taht it-12-il xahar;
- (b) "ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali" ifisser kategorija ta' ikel maħsub għall-użu ta' nutriment partikolari pproċessat b'mod speċjali jew ifformolat u maħsub għal-management tad-dieta tal-pazjenti u li għandu jiġi użat taħt is-sorveljanza medika. Dan hu maħsub sabiex jitm' b'mod esklussiv jew parzjali lill-pazjenti b'kapaċita limitata, dgħajfa jew iddisturbata għalbiex jieklu, jiddiġerixxu, jassorbu, jimmetabolizzaw jew ineħħu oġġetti ordinarji ta' l-ikel jew ċerti nutrijenti li jkunu fihom, jew metaboliti, jew bi ħtiġiet nutrijenti stabbiliti medikament, li l-management tad-dieta tagħhom ma tistax tinkiseb biss bil-modifika tad-dieta normali, b'ikel ieħor għall-użu nutritiv partikolari, jew bl-għaqda tat-tnejn.

3. L-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali huwa kklassifikat f'dawn it-tliet kategoriji:

- (a) l-ikel mimli bin-nutrimenti b'formolazzjoni standard tan-nutrijenti li, użat skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, jista' jikkostitwixxi s-sors waħdieni tan-nutriment għall-persuni li għalihom hu maħsub;
- (b) l-ikel mimli bin-nutrimenti bil-formulazzjoni tan-nutrijenti adattata għall-marda, id-disturb jew il-kondizzjoni medika speċifiċi, li wżat skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, jista' jkun is-sors waħdieni tan-nutriment għall-persuni li għalihom huwa maħsub;
- (ċ) l-ikel li huwa nieqes min-nutrijenti u bil-formulazzjoni *standard* jew bil-formulazzjoni tan-nutrijenti adattata għall-marda, id-disturb jew il-kondizzjoni medika speċifiċi li mhux adattat biex ikun is-sors waħdieni tan-nutriment,

L-ikel riferit fil-punti (b) u (ċ) jista' jiġi wżat ukoll bħala sostituzzjoni parzjali jew bħala suppliment għad-dieta tal-pazjent.

### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali jista' jiġi mqiegħed fis-suq fil-Kommunita' biss jekk iħares ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

### Artikolu 3

Il-formolazzjoni ta' l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali għandha tkun imsejsa fuq prinċipji mediċi u nutrimentali sodi.

L-użu tiegħu, skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, għandu jkun fis-sigurtà u ta' benefiċċju u effettiv sabiex jissodisfa l-ħtiġiet tan-nutriment partikolari tal-persuni li għalihom huwa maħsub, kif muri mill-informazzjoni xjentifika aċċettata b'mod ġenerali.

Għandu iħares il-kriterji tal-kompożizzjoni speċifikati fl-Anness.

### Artikolu 4

1. L-isem li bih jinbigħ l-ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali għandu jkun rispettivament:

— bl-Ispanjol:

"Alimento dietético para usos médicos especiales"

— bid-Daniż:

"Levnedsmiddel/Levnedsmidler til særlige medicinske formål"

— bil-Ġermaniż:

"Diätetisches/Diätetische Lebensmittel für besondere medizinische Zwecke (Bilanzierte Diäten)"

— bil-Grieg:

"Διατητικά τρόφιμα για ειδικούς ιατρικούς σκοπούς"

— bl-Ingliż:

"Food(s) for special medical purposes"

— bil-Franċiż:

"Aliment(s) diététique(s) destiné(s) à des fins médicales spéciales"

— bit-Taljan:

"Alimento dietetico destinato a fini mediċi speciali"

— bl-Olandiż:

"Dieetvoeding voor medisch gebruik"

— bil-Portugiż:

"Produto dietético de use clínico"

— bil-Finlandiż:

"Kliininen ravintovalmiste/kliinisiä ravintovalmisteita"

— bl-Isvediż:

"Livsmedel för speciella medicinska ändamål"

2. It-tikkettjar għandu jkollu, barra mid-dettalji pprovvduti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 79/112/KEE, il-partikolaritajiet mandatorji li ġejjin:

- (a) il-valur ta' l-enerġija disponibbli espress f'kJ u kcal, u l-kontenut tal-proteini, il-karboidrati u x-xaħam, espressi fl-għamla numerika, għal kull 100 g jew kull 100ml tal-prodott kif mibjuġh, u fejn approprjat għal kull 100 g jew kull 100 ml tal-prodott lest għall-użu skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. Dan it-tagħrif jista' barra minn hekk jingħata għal kull porzjon individwali kkwantifikat fuq it-tikketta jew ma' kull porzjon, sakemm jiġi ddikjarat in-numru tal-porzjonijiet li jkun fih il-pakkett;

(b) il-kwantità medja ta' kull sustanza minerali u ta' kull vitamina msemija fl-Anness preżenti fil-prodott, espressi fl-għamla numerika għal kull 100 g jew kull 100 ml tal-prodott kif mibjugħ, u fejn approprjat għal kull 100 g jew kull 100 ml tal-prodott lest għall-użu skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. Dan it-tagħrif jista' barra minn hekk jingħata għal kull porzjon individwali kif kkwantifikat fuq it-tikketta jew għal kull porzjon, sakemm jiġi ddikjarat n-numru tal-porzjonijiet li jkun fih il-pakkett;

(c) b' mod selettiv il-kontenut tal-komponenti tal-proteini, tal-karboidrati u tax-xaħam u/jew tan-nutrijenti l-oħra u l-komponenti tagħhom li d-dikjarazzjoni tagħhom tkun meħtieġa għall-użu approprjat tal-prodott, mogħti f-espressjoni numerika għal kull 100 g jew kull 100 ml tal-prodott kif mibjugħ u fejn approprjat għal kull 100 g jew għal kull 100 ml tal-prodott lest għall-użu skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. Dan it-tagħrif jista' barra minn hekk jingħata għal kull porzjon individwali kkwantifikat fuq it-tikketta jew għal kull porzjon, sakemm jiġi ddikjarat in-numru tal-porzjonijiet li jkun fih il-pakkett;

(d) tagħrif dwar l-osmolalità jew l-osmolarità tal-prodott meta approprjat;

(e) tagħrif dwar l-orijini u n-natura tal-proteina u/jew l-idrolisati tal-proteina li jkun fih il-prodott.

3. It-tikkettjar għandu jkollu wkoll dawn il-partikolaritajiet mandatorji, preċeduti mill-kliem "avviż importanti" jew l-ekwivalenti tiegħu:

(a) dikjarazzjoni illi l-prodott għandu jiġi użat taħt is-supervizzjoni medika;

(b) dikjarazzjoni dwar jekk il-prodott huwiex adattat għall-użu bħala s-sors waħdieni tan-nutrimenti;

(c) dikjarazzjoni li l-prodott huwa maħsub għal grupp ta' età speċifika, kif approprjat;

(d) meta approprjat dikjarazzjoni li l-prodott jista' jkun ta' riskju għas-saħħa meta jiġi kkunsmat minn persuni li m'għandhomx il-mard, id-disturbi jew il-kondizzjonijiet mediċi li għalihom huwa maħsub il-prodott.

4. It-tikkettjar għandu jinkludi wkoll:

(a) id-dikjarazzjoni "Għall-management tad-dieta ta'..." fejn il-vojt ikun mimli bil-mard, id-disturbi jew il-kondizzjonijiet mediċi li għalihom huwa maħsub il-prodott;

(b) meta approprjat dikjarazzjoni li tirrigwardja l-prekawzzjonijiet u l-kontra-indikazzjonijiet adegwati;

(c) deskrizzjoni tal-kwalitajiet u/jew karatteristiċi li jagħmlu l-prodott b'mod partikolari utli, skond il-każ, fejn għandu x'jaqşam man-nutrijenti li jkunu ġew miżjuda, imnaqqsa,

eliminati jew immodifikati b' xi mod ieħor u r-raġunament wara l-użu tal-prodott;

(d) fejn approprjat twissija li l-prodott mhuwiex għall-użu parenterali.

5. It-tikkettjar għandu jkollu l-istruzzjonijiet għall-preparazzjoni approprjata, l-użu u l-post fejn jinħażen il-prodott wara l-ftuħ tar-reċipjent, kif approprjat.

#### Artikolu 5

1. Biex jiffaċilita l-monitorjaġġ effiċjenti uffiċjali ta' l-ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċifiċi, meta l-prodott jitqiegħed fis-suq, il-fabbrikant, jew meta l-prodott jiġi ffabrikat f'pajjiż ieħor, l-importatur, għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn il-prodott jiġi mqiegħed fis-suq billi jintbagħat mudell tat-tikketta użata għall-prodott. L-Istati Membri jistgħu ma jinponux din l-obligazzjoni jekk ikunu kapaċi juru li n-notifikazzjoni mhix neċessarja għall-monitorjaġġ ta' dawn il-prodotti b'mod effiċjenti fit-territorju tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti skond it-tifsira ta' dan l-Artikolu huma dawk riferiti fl-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 89/398/KEE.

#### Artikolu 6

L-Istati membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' April 2000. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Dawn il-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi għandhom jiġu applikati hekk illi:

— jippermettu l-kummerċ tal-prodotti li jħarsu din id-Direttiva mill-1 ta' Mejju 2000,

— jipprojbixxu l-kummerċ tal-prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva mill-1 ta' Novembru 2000.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta dawn jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

#### Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 8*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25ta' Marzu 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNEX

**IL-KOMPOŻIZZJONI ESSENZJALI TA' L-IKEL GĦALL-ISKUPIJET MEDIĊI SPEĊJALI**

L-speċifikazzjonijiet jirreferu għall-prodotti lesti għall-użu, imqiegħda fis-suq, jew ikkostitwiti mill-ġdid skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-fabbrikant.

1. Il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(a) maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi għandu ikollhom fihom il vitamini u s-sustanzi minerali speċifikati fit-Tabella 1.
2. Il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(b) maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi għandu ikollhom fihom il-vitamini u s-sustanzi minerali speċifikati fit-Tabella 1, mingħajr preġudizzju għall-modifiki f'wieħed jew aktar minn dawn in-nutrijenti magħmula neċessarji mill-użu li għalih huwa maħsub il-prodott.
3. Il-livelli massimi tal-vitamini u s-sustanzi minerali preżenti fil-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(b) maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi ma għandhomx ikunu ogħla minn dawk speċifikati fit-Tabella 1, mingħajr preġudizzju għall-modifiki f'wieħed jew aktar minn dawn in-nutrijenti magħmula meħtieġa mill-użu li għalih huwa maħsub il-prodott.
4. Fejn dan ma jmurx kontra l-ħtiġiet iddettati mill-użu maħsub, l-ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi għandu jħares id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-nutrijenti l-oħra li japplikaw għall-formuli għat-trabi u formuli ta' prosegwiment, skond kif ikun il-każ, stabbiliti fid-Direttiva 91/321/KEE u l-modifiki sossegwenti tagħha.
5. Il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(a), għajr dawk maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi għandu ikun fihom il-vitamini u s-sustanzi minerali speċifikati fit-Tabella 2.
6. Il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(b) għajr dawk maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi għandu ikollhom fihom il-vitamini u s-sustanzi minerali speċifikati fit-Tabella 2, mingħajr preġudizzju għall-modifiki f'wieħed jew aktar minn dawn in-nutrijenti magħmula meħtieġa mill-użu li għalih huwa maħsub il-prodott.
7. Il-livelli massimi tal-vitamini u s-sustanzi minerali preżenti fil-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(3)(c) għajr dawk maħsuba b'mod speċifiku għat-trabi ma għandhomx ikunu ogħla minn dawk speċifikati fit-Tabella 2, mingħajr preġudizzju għall-modifiki f'wieħed jew aktar minn dawn in-nutrijenti magħmula meħtieġa mill-użu li għalih huwa maħsub il-prodott.

TABELLA 1

**Il-valuri tal-vitamini, il-minerali u l-elementi traċċi fl-ikel li hu komplet fin-nutrijenti maħsub għall-użu mit-trabi**

Vitamini:

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
Vitamina A (µg ER)	14	43	60	180
Vitamina D (µg)	0,25	0,75	1	3
Il-Vitamina K (µg)	1	5	4	20
Il-Vitamina C (mg)	1,9	6	8	25
It-Tijamina (mg)	0,01	0,075	0,04	0,3
Ir-Riboflavin (mg)	0,014	0,1	0,06	0,45
Il-Vitamina B6 (mg)	0,009	0,075	0,035	0,3

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
In-Nijaċina (mg NE)	0,2	0,75	0,8	3
L-Aċidu Foliku (µg)	1	6	4	21
Il-Vitamina B12 (µg)	0,025	0,12	0,1	0,5
L-Aċidu Pantoteniku mg)	0,07	0,5	0,3	2
Il-Bijotina (µg)	0,4	5	1,5	20
Il-Vitamina E (mg α-TE)	0,5/g ta' aċidi grassi mhux polisaturati espressi bħala aċidu linolejku, iżda fl-ebda każ inqas minn 0,1 mg għal kull 100 kj disponibbli	0,75	0,5/g aċidi grassi mhux polisaturati espressi bħala aċidu linolejku, iżda fl-ebda każ inqas minn 0,5 mg għal kull 100 kj disponibbli	3

## Minerali:

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
Is-Sodju (mg)	5	14	20	60
Il-Klorur (mg)	12	29	50	125
Il-Potassju (mg)	15	35	60	145
Il-Kalċju (mg)	12	60	50	250
Il-Fosfru (mg) <sup>(1)</sup>	6	22	25	90
Il-Manjesju (mg)	1,2	3,6	5	15
Il-Hadid (mg)	0,12	0,5	0,5	2
Iż-Żingu (mg)	0,12	0,6	0,5	2,4
Ir-Ram m (µg)	4,8	29	20	120
Il-Jodju (µg)	1,2	8,4	5	35
Is-Silenju (µg)	0,25	0,7	1	3
Il-Manganiż (mg)	0,012	0,05	0,05	0,2
Il-Kromju (µg)	—	2,5	—	10
Il-Molibdenu (µg)	—	2,5	—	10
Il-Fluworidu (mg)	—	0,05	—	0,2

<sup>(1)</sup> Il-proporzjon kalċju/fosfru ma għandux ikun inqas minn 1,2 jew akbar minn 2.0

TABELLA 2

**Il-valuri tal-vitami, minerali u traċċi ta' elementi fl-ikel li hu komplet fin-nutrijenti barra minn dak maħsub għall-użu mit-trabi***Vitami:*

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
		Minimu		Massimu
Vitamina A (µg ER)	8,4	43	35	180
Vitamina D (µg)	0,12	0,65/0,75 <sup>(1)</sup>	0,5	2,5/3 <sup>(1)</sup>
Il-Vitamina K (µg)	0,8 5	5	3,5	20
Il-Vitamina C (mg)	0,54	5,25	2,25	22
It-Tijamina (mg)	0,015	0,12	0,06	0,5
Ir-Riboflavin (mg)	0,02	0,12	0,08	0,5
Il-Vitamina B6 (mg)	0,02	0,12	0,08	0,5
In-Nijaċina (mg NE)	0,22	0,75	0,9	3
L-Aċidu Foliku (µg)	2,5	12,5	10	50
Il-Vitamina B12 (µg)	0,017	0,17	0,07	0,7
L-Aċidu Pantoteniku (mg)	0,035	0,35	0,15	1,5
Il-Bijotina (µg)	0,18	1,8	0,75	7,5
Il-Vitamina E (mg α-TE)	0,5/g aċidi grassi mhux polisaturati espressi bħala aċidu linolejku, iżda fl-ebda każ inqas minn 0,1 mg għal kull 100 kj dsponibbli	0,75	0,5/g aċidi grassi mhux polisaturati espressi bħala aċidu linolejku, iżda fl-ebda każ inqas minn 0,5 mg għal kull 100 kj dsponibbli	3

<sup>(1)</sup> Għall-prodotti maħsubin għat-tfal ta' bejn is-sena u għaxar snin*Minerali:*

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
Is-Sodju (mg)	7,2	42	30	175
Il-Klorur (mg)	7,2	42	30	175
Il-Potassju (mg)	19	70	80	295
Il-Kalċju (mg)	8,4/12 <sup>(1)</sup>	42/60 <sup>(1)</sup>	35/50 <sup>(1)</sup>	175/250 <sup>(1)</sup>
Il-Fosfru (mg) (i)	7,2	19	30	80
Il-Manjesju (mg)	1,8	6	7,5	25
Il-Hadid (mg)	0,12	0,5	0,5	2
Iż-Żingu (mg)	0,12	0,36	0,5	1,5
Ir-Ram (µg)	15	125	60	500
Il-Jodju (µg)	1,55	8,4	6,5	35

<sup>(1)</sup> Għall-prodotti maħsuba għat-tfal ta' bejn is-sena u l-għaxar snin

	Kull 100 kj		Kull 100 kcal	
	Minimu	Massimu	Minimu	Massimu
Is-Silenju ( $\mu\text{g}$ )	0,6	2,5	2,5	10
Il-Manganiż (mg)	0,012	0,12	0,05	0,5
Il-Kromju ( $\mu\text{g}$ )	0,3	3,6	1,25	15
Il-Molibdenu ( $\mu\text{g}$ )	0,72	4,3	3,5	18
Il-Fluworidu ( $\mu\text{g}$ )	—	0,05	—	0,2